Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Numru 760/1998

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
Vs
Martin Saliba

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-3 ta’ April, 1997 u matul ix-xhud ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

a) ta armi, ghoddod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil ta’ delitti meta kien jaf li dawn kellhom jigu hekk uzati, jew b’xi mod li jkun, ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati, b’dan li l-awturi ta’ l-istess delitti b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifi foloz jew billi inqdew b’qerq iehor,

ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta' aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta;

b) u aktar meta l-awtur jew atturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Korporazzjoni tat-Telemalta ghamlu xi qliegh iehor b'qerq li jiskorri il-valur ta' hames mitt lira Maltija;

c) U aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi document iehor falsifikat u cioe' 'telecard' falza;

d) U aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe' il-Korporazzjoni tat-Telemata id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement ghamlu uzu ta' dawn id-disigni jew mudelli iffalsidikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid;

e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' April, 1997 jew fix-xhur ta' qabel din id-data, ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, beda, bidel, ghamel,ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema tat-telekomunikazzjoni;

f) Kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta' April 1997, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

a) importa, biegh, qassam, jew akkwista sabiex ibiegh f'Malta, biljetti ta' lottu jew ta' lotterija ta' barra;

b) f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi akkwista, bi skop ta' loghob, biljetti ta' lottu jew ta' lotterija ta' barra;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 167, 169 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 298 (1) (a) (b), 298A, 298B tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u 15 tal-Kap. 70 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-pulizija kienet qeghda tisvolgi indagini dwar kummerc u traffikar u uzu tat-telecards foloz u waqt patrols illi kienet qeghda taghmel il-pulizija gie arrestat certu Haris Vaswani waqt li kien qieghed jaghmel telefonata minn pay phone permezz ta' telecard li wara irrizulta li kienet falza. Dan gie arrestat u kien informa lill-pulizija li kien xtara din it-telecard minghand certu Andrew Vaswani. L-Ispettur Bartolo kien kellem lil Andrew Vaswani li ammetta li kien forna lil Haris Vaswani b'din it-telecard falza u informa wkoll lill-pulizija li kien xtara din it-telecard minghand l-imputat fuq imsemmi, li kien jafu wara li gieli kien xtara wkoll xi biljetti tal-lotterija ta' barra minghandu. Gie arrestat l-imputat li ma offra l-ebda resistenza, anzi ikkopera mal-pulizija u dakinhar stess saret tfittxija fuq il-persuna tieghu fejn kienu instabu xi biljetti tal-lotterija, li gew fil-fatt ipprezentati il-Qorti mill-

Prosekuzzjoni. Meta gie mistoqsi dwar it-telecard falza l-imputat ammetta li kien biegh din it-telecard falza lil Andrew Vaswani, izda qal illi hu stess ma kienx ghamel uzu minn dawn it-telecards foloz. Huwa qal li kien xtara din it-telecard falza minghand persuna ta' nazzjonalita Libjana, izda ma riedx jghid min kien. Dwar il-biljetti tal-lotterija qal illi kien akkwisthom minghand Andrew Vaswani u rega' bieghhom. Effettivament l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn ammetta dan l-involviment kollu tieghu fir-reati in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli jitlob il-hatra ta' espert sabiex jiddetermina illi t-telecard in kwistjoni kienet falza u dan ghaliex id-difiza qablet illi effettivament it-telecard in kwistjoni kienet wahda falza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta wkoll illi s-Sur Vaswani gie interpellat mill-Korporazzjoni Maltacom sabiex ihallas l-ammont kollu dovut minnu u fil-fatt is-Sur Vaswani hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni Maltacom Corporation. Is-somma totali kienet tmien mija seba' u hamsin lira u erbghin centezmu (LM 857.40).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi l-imputat fuq imsemmi, meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu, ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih u ghal din ir-raguni, kif ukoll ghar-raguni li l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll il-provi kollha sabiex tipprova il-kaz taghha, qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-istess imputazzjonijiet kollha, u dan wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Lulju, 2005 flimkien mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi dan il-kaz twal hafna peress illi l-Prosekuzzjoni kienet ghadha qeghda tistenna illi jigi konkluz il-kaz fil-konfront ta'

Andrew Vaswani, li sussegwentement xehed f'dawn il-proceduri.

Illi fil-frattemp l-imputat fuq imsemmi, li huwa impjegat mal-Gvern, tilef diversi 'increments' dovuti lilu.

Illi ghal din ir-raguni, kif ukoll ghar-raguni illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll ikkopera mal-pulizija u irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu, il-Qorti tara illi ghandha turi klemenza mal-imputat u ghaldaqstant filwaqt illi qeghda tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni that kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------